Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 3 ta' Frar 2025**

**Distrett Hamrun**
**Kawza Numru 180/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Vella)**

**Versus**

**Brandon Attard**
**(0520992M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Brandon Attard**, detentur tal-karta tal-Identita' Maltija 0520992M.

Akkuzat talli nhar id-29 ta' Mejju 2021 fil-hin ta' bejn 12:00pm u l-12:05pm gewwa Triq Dicembru Tlettax, Marsa, fuq il-lights ta' wara l-Bombi direzzjoni lejn il-Hamrun jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer Maltin;

1. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe' ta' Malta Public Transport, mobbli jew immobbli liema jekk l-ammont tal-hsara ma kienx jiskorri elfejn u hames mitt Ewro (€2,500) izda kien izjed minn mitejn u hamsin Ewro (€250) u dan bi ksur tal-Art. 325 (1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon ordni jew il- kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u storbju u dan bi ksur tal-Art. 338 (dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' ta' Kelvin Donne, jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika jew ghall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna msemmija u l- familjari taghha minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat, u f'kaz ta' htija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza u l-familja taghha, u dan ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385, 412C u 412D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-14 ta' Marzu 2022, Rita Azzopardi li tahdem bhala Risk and Insurance Executive ma' Malta Public Transport, xehdet illi xufier taghhom Donne Kelvin kien irrapporta li fl-14 ta' Marzu 2021 waqt illi kien qieghed isuq bus numru 114, kif kien ghaddej minn hdejn il-Bombi ghaddiet karozza Toyota u hu sema' hoss mal-hgiega. Ix-xufier kien ha ritratt tal-hsara u hi kienet ghamlet stima tal-hsara u pprezentat Dok AMG1[1]. Illi x-xhud regghet xehdet fid-9 ta' Jannar 2023 fejn ipprezentat CD bil-*footage* immarkat Dok AMG1[2] fejn tidher karozza vicin il-bus u kif ghaddiet il-karozza waqaf ix-xufier ghax inkisritlu l-hgiega u weggghu xi nies u l-hsara tal-Public Transport kienet fl-ammont ta' €1140 skont l-istima a fol. 13.

Illi xehed Natalino Agius fejn qal illi hu gie appuntat minn Malta Transport biex jispezzjona BUS 114 li kellha l-hgiega mkissra fuq in-naha tal-lemin bhal meta xi hadd jitfa' xi haga jew jaghti daqqa minn barra. Biex tinbidel hemm bzonn jumejn li jiswew €275 kuljum u l-ispejjez tar-replacement tiswa €417 u €204 labour. Hu pprezenta Dok AMG2[3].

Illi fid-9 ta' Jannar 2023 xehed Kalvin Donne fejn qal illi waqt illi kien qieghed isuq il-vettura mill-Belt ghall-Hamrun, meta waqaf mat-traffic lights innota xufier f'karozza Toyota Vitz bajda, jghajjat u jidghi u x'hin

[1] A fol. 11 tal-atti proċesswali
[2] A fol. 37 tal-atti proċesswali
[3] A fol. 13 tal-atti proċesswali

inbidlu l-lights innota s-sewwieq jitfa' xi haga lejh, imma peress illi kien lahaq beda jsuq, laqat il-genb tal-karozza tal-linja u nkisret il-hgiega li tinsab ftit wara s-seat tax-xufier. Ix-xhud qal illi kif rah isuq hadlu n-numru u informa lill-*control room*. Innota li s-sewwieq kellu tpingija fuq idejh ix-xellugija li kien uza biex waddab il-gebla . Fil-kontro ezami hu qal illi l-ahhar ittra tal-karozza ma kienx cert minnha ghax ma setax jiddentifikah tajjeb u kien qal lill-*control room* b'dan, izda kienu waslu ghall-vettura ghax kienu *matched* ma' karozza Vitz.

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li kienet saret kwerela mill-Malta Public Transport peress illi waqt illi sewwieq minn taghhom kien qieghed jsuq BUS114 meta waqaf fuq it-traffic light kien innota persuna f'karozza Toyota Vitz bajda li dehret tghajjat u tidghi u x'hin inbidlu l-lights ghall-ahdar u beda jsuq lemah lid-driver jwaddab xi haga lejn il-bus. Fil-fatt kif waqaf innota li l-hgiega fuq l-istess naha tieghu kienet inkisret. Hu rnexxielu jiehu n-numru ta' registrazzjoni izda ma kienx cert mill-ittri kollha u l-awtorita' kienet qabblet il-karozza man-numri li kien ftakar. Ix-xhud m'gharafx lill-imputat fl-awla.

Illi mill-provi prodotti l-Qorti hija konvinta li l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' l-imputat ma gewx ppruvati sal-grad rikjest mill-Ligi.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed issib lill-**imputat mhux hati** u qed tilliberah mill-akkuzi kollha migjuba kontrih.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**